MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41

Il-Ġimgħa, 14 ta' Settembru, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-09:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 41.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

41.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

41.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 41.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

41.2.1 Is-Sindku qal li ikkuntatjaħ il-persuna li tieħu ħsieb il-programm il-ġdid fuq TVM2 – 'Linji Lokali', fejn wera x-xewqa li jxandar programm fuq San Lawrenz. Il-*crew* għandu jiġi sabiex jieħu *filming* tal-lokal u il-Kunsill.

41.2.2 Is-Sindku qal li rigward il-proġetti kapitali li għandna pendenti, qiegħdin fil-proċess kontiwu infakkru l-kuntratturi sabiex jibdew ix-xogħolijiet rispettivi tagħhom.

41.2.3 Is-Sindku qal li l-film il-qasir li intwera fil-Pjazza kien ta' suċċess kbir, infatti kien hemm mal-mitt ruħ preżenti u saħansitra kellhom iġibu iktar siġġijiet. Hu kompla jgħid li tajjeb ssir darba oħra fil-futur u l-Kunsill qabel.

41.2.4 Is-Sindku informa lil Kunsill li hu flimikien mal-Kunsillier Franco Buhagiar kellhom laqgħa mas-Segretarju privat u s-Segretarju tal-Permanent Secretary tas-Segretarjat għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali. Huma waslu fi ftehim li ssir attivita' fi 2 ta' Diċembru b'kollaborazzjoni mal-istess Segretarjat u l-isem tal-attivita' ikun 'Friski u Ħajjin'. Fl-istess attivita' se ikun hemm inkluż fiha; Swejjaq tal-Milied, il-Fiera tad-Dundjani u entertainment.

41.2.5 Is-Sindku qal li kontiwament qed jirċievi risposti mingħand membri tal-Parlament taż-żewġ partit politki rigward il-proposta li saret lil membri parlamentari ftit ta' ġimgħat ilu.

41.2.6 Is-Sindku qal li għalkemm l-aħbar li se tiġi proposta lukanda fil-limiti tad-Dwejra, hi waħda li dehret fuq il-gazzetti u mhiex waħda uffiċjali, hu xorta ħass il-ħtieġa li jagħmel stqarrija fuq is-sit personali tiegħu tal-midja soċjali.

Hu kompla jgħid li fuq din il-materja l-Kunsill qatt ma ġie ikkonsultat, u għalhekk b'mod uffiċjali, il-Kunsill mhux konxju ta dak li intaqal fuq il-Gazzetti. Pero, is-Sindku baqa jisħaq li sit bħad-Dwejra, biex isir Management tiegħu, mhux għaqli li isir min entita' privata, li l-ewwel interess tagħha huwa dak finanzjrju. Il-Kunsill qabel.

41.2.7 Is-Sindku qal li qed ikun abbuż kontiwu mill-bring in sites fejn saħansitra qed jintużaw min nies barra mir-raħal u minn catering establishments. Il-Kunsill

għadu jistenna linji gwida mill-awtoritajiet konċernati sabiex ikun jista' jieħu deċizjoni minn dawk il-linji gwida.

41.2.8 Is-Sindku qal li wasalna fi qbil mal-Enemalta rigward id-dawl baxx fil-plots. Hu kompla jgħid li l-Enemalta se tuża l-culverts li kien għamel il-Kunsill stess u b'hekk jgħaddu min taħt ma jmissux mal-wiċċ tal-Pjazza.

Rigward Triq il-Wileġ, l-Enemalta se tagħti resurfacing fejn jintmess u imbagħad għal Triq Dun Salv Portelli, l-Enemalta se tagħti wesa ta' metru fejn jintmess. Is-Sub station se ssir taħt id-dar tal-anzjani.

41.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) qalet li rigward is-sign tal-islippery għall-Inland Sea ma kellha l-ebda risposta. Il-Kunsill qabel li joħroġ il-flus u ssir waħda urġenti.

41.2.10 Is-SE qalet li kontinwament qed iċemplu mill-Gozo Action Group Foundation biex titħallas l-membership. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li mħabba l-qadgħa finanzjarja tiegħu, ikun għaqli li bħalissa ma jintefqux flus f'memberships.

41.2.11 Is- SE qalet li irċivejna email mid-DLG rigward ċirkulari SPI 3/2018 fejn ġejna infurmati li l-applikazzjoni għad-Dementia Tech courses ġiet approvata u l-Kunsill ingħata l-fondi.

41.2.12 Is-SE qalet li irċivejna ittra mill-AKL biex tinfurmana li d-DLG qalulhom li persuna applikat għall-post ta' kiosk fid-Dwejra. Il-Kunsill qabel li niktbu lill-AKL; grazzi tan-notifika' pero bħala Kunsill qatt ma ġejna ikkonsultati.

41.2.13 Is-SE talbet sabiex tressaq għall-approvazzjoni l-applikazzjoni sabiex 72 siegħa mill-Vacation Leave tagħha għas-sena 2018 jiġu trasferiti għas-sena 2019 peress li hija rikjesta skond il- PSMC. Il-Kunsill qabel.

## 41.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

41.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa qal li l-Wied tad-Dwejra kontinwament qed ikun hemm l-għargħar u saqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi ħaġa dwarha. Is-Sindku qal li darba kienet intbagħtet talba pero mħabba permessi, il-Kunsill mhux f'pożżizzjoni li jidħol fiha pero nistgħu nibgħatu lil-ERA.

41.3.2 Il-Kunsillier Franco Buhagiar qal li xi ħadd tella post fuq il-midja soċjali fejn juri rimi ta' terrapien fid-Dwejra. Is-Sindku qal li kien bagħat lil-MEPA pero xorta baqa' jiżdied. Hu kompla jgħid li kien f'kuntatt mal-Maltatoday fejn qalilhom li l-Kunsill għamel kollox possibli, issa l-ERA għandha tieħu ħsieb.

## 41.4 San Venanzo

41.4.1 Is-Sindku qal li l-mawra lejn San Venanzo sabiex nieħdu sehem fil-proġett MontEU MartEU, kważi waslet, u għalhekk hemm bżonn nlestu l-programm. Wara diskussjoni sar qbil fuq ħinijiet għat-tluq u preparamenti oħra li kien hemm bżonn.

## 41.5 Latrina tal-Playing Field

41.5.1 Is-Sindku qal li l-Perit Edward Scerri prepara pjanta għall-Latrina proposta taħt il-Playing Field. Is-Sindku ippreżenta din il-pjanta lill-kunsilliera għall-approvazzjoni u sar qbil fuq id-disinn.

## 41.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

41.6.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 41.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

41.7.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:30 u ġiet aġġornata għall-22 ta' Ottubru 2018 fl-13:00.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv